31985R3791

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3791/85
tal-20 ta' Diċembru 1985
li jaddatta ċerti Regolamenti li għandhom x'jaqsmu mas-settur tal-bajd u t-tjur wara l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari Artikolu 396(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi skond Artikolu 396 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, għandhom isiru addattamenti fis-settur tal-bajd u t-tjur, bħala konsegwenza ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2772/75 tad– 29 ta' Ottubru 1975 dwar l-istandards tal-*marketing* tal-bajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3341/84 [2], u bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2782/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar il-produzzjoni u l-*marketing* tal-bajd għat-tfaqqis u tal-flieles [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3485/80 [4];

Billi, skond Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet jistgħu jadottaw, qabel l-Adeżjoni, il-miżuri msemmija f'Artikolu 396 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, billi dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ biss bil-kondizzjoni u fid-data li jidħol fis-seħħ it-Trattat imsemmi; billi, skond Artikolu 261 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, l-applikazzjoni tal-miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-Portugall għandhom jithallew għal wara l-ewwel stadju,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda mat-tieni subparagrafu ta' Artikolu 17(2) tar- Regolament (KEE) Nru 2772/75:

"— PERIODO DE EMBALAGE DE… AL …",

"— PERIODO DE EMBALAGEM DE… A …".

2. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 17(3) tar- Regolament (KEE) Nru 2772/75:

"— EMBALADO EL …",

"— EMBALADO EM …".

Artikolu 2

1. F'Artikolu 5(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2782/75, l-espressjoni, "huevo para incubar, ovos para incubaçao" għandha tiddaħħal wara l-espressjoni "uova de cova".

2. F'Artikolu 6 tar- Regolament (KEE) Nru 2782/75 l-espressjonijiet, "para incubar", "para incubaçao" għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "cova".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1986, bla ħsara għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Marzu 1986, għajr rigward l-emendi bil-Portugiż, li l-applikazzjoni tagħhom għandha tiġi posposta għat-tmiem ta' l-ewwel stadju msemmi f'Artikolu 260 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

R. STEICHEN

---

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 56.
[2] ĠU L 312, tat-30.11.1984, p. 7.
[3] ĠU L 282, l-1.11.1975, p. 100.
[4] ĠU L 365, tal-31.12.1980, p. 1.